MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 222/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Samuel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Samuel Borg talli:

(1) Nhar il-21 ta' Awwissu 2004 ghall-habta tal-5:00am ikkommetta serq ta' flejjes u 'Hi-Fi' mill-fond kummercjali 'Jetros Caffe' li jinsab gewwa taz-Zwejt San Gwann ghad-dannu ta' Joseph Grech minn Marsaxlokk, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

(2) U aktar talli bejn il-perijodu tal-21 ta' Awwissu 2004 u l-perjodu tat-22 ta' Awwissu 2004 xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;

(3) U aktar talli matul ix-xhur li ghaddew gewwa l-Gzejjer ta' Malta kellu u garr fil-pussess tieghu strumenti jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(4) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Qorti mposti fuqu nhar it-8 ta' Gunju 2004 b'sentenza definittiva moghtija mill-Magistrat Giovanni Grixti LL.D. mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Samuel Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha salv u b'eccezzjoni tat-tieni imputazzjoni u cioe` dik ta' ricetazzjoni dwar liema imputazzjoni dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, u kkundannatu komplessivament ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar. Inoltre poggiet lill-appellant (allura imputat) taht ordni ta' probation ghal perijodu ta' tliet snin;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Samuel Borg ipprezentat fit-28 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tigi kkonfermata fil-parti taghha dwar il-htija, tigi riformata fil-parti taghha dwar il-piena u dan billi filwaqt illi l-ordni ta' probation fil-konfront ta' l-appellant tigi kkonfermata, il-parti tas-sentenza dwar il-piena ta' prigunerija tigi mnehhija ghal kollox;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena u l-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. L-ilmenti tieghu in sostenn ta'

dan l-aggravju huma brevement is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li meta l-appellant ikkommetta l-ewwel reat fuq imsemmi huwa kien ghadu minorenni; (2) il-piena nflitta hija aktar lejn il-massimu nonostante li r-refurtiva giet irkuprata kollha, l-appellant irritorna l-flejjes misruqa minnu, ghamel tajjeb ghall-hsarat li kkaguna u kkoopera bis-shih fl-investigazzjoni; (3) ammetta fi stadju bikri hafna tal-process; (4) ghalkemm ammetta wkoll ghar-raba' imputazzjoni, mhux car jekk it-tielet imputazzjoni gietx kommessa qabel ma kienu imposti fuqu l-kondizzjonijiet bis-sentenza tat-8 ta' Gunju 2004 jew wara - hu x'inhu, il-ksur ta' tali kondizzjonijiet ma jistax jirreferi ghar-reat taht l-ewwel imputazzjoni peress li din giet kommessa fil-21 ta' April 2004; (5) l-appellant ma jistax jifhem kif gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghall-imputazzjonijiet kollha li ammetta ghalihom u fl-istess waqt tqieghed taht *probation order*.

Dwar l-ewwel ilment l-appellant ghandu ragun. Ir-reati addebitati lilu gew kommessi minnu meta kien ghad ghandu sbatax-il sena. Ghalhekk bis-sahha ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, "il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn." Fis-sentenza appellata minn imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni din id-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi <u>tassattivament</u> li jkun hemm tnaqqis fil-piena fejn il-hati jkun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkunx ghalaq it-tmintax-il sena. Konsegwentement fil-komputazzjoni tal-piena trid tigi riflessa l-applikabilita` ta' l-imsemmi artikolu 37 tal-Kap. 9.

Kwantu ghat-tieni lment minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-punti kollha msemmija kienu effettivament a konoxxenza ta' l-ewwel Qorti izda hija ma hassitx "li ghandha tkun klementi" ma' l-appellant "u dan fl-interess tieghu stess il-ghaliex huwa ghandu bzonn l-ghajnuna biex jindirizza l-problema tieghu t'abbuz ta' droga b'mod obligatorju" u konsegwentement il-piena li dehrilha li kienet idoneja kienet dik ta' prigunerija effettiva. Issa kieku kellu jitqies li l-piena ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti nghatat biss dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9

u bi tnaqqis ta' zewg gradi jigi li l-piena hija aktar vicin il-massimu. Difatti l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad u li ma tinghatax fil-*minimum* taghha[1], filwaqt li l-piena applikabbli ghat-tielet imputazzjoni hija multa ta' mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur[2]. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 dawn il-pieni jonqsu bi grad jew tnejn. Izda kieku kellha tigi kkunsidrata mbaghad ukoll il-piena applikabbli dwar ir-raba' imputazzjoni, cioe` r-reat ta' serq aggravat li dwaru l-appellant kien gie dikjarat hati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Gunju 2004 u li dwaru kien tqieghed taht ordni ta' *probation* a tenur ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446, din hija ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad[3]. Ghalhekk, bit-tnaqqis massimu permess mill-artikolu 37 tal-Kap. 9 in konnessjoni mar-reati kollha li dwarhom l-appellant gie dikjarat hati - dawk li dwarhom tressaq il-Qorti fl-24 ta' Awissu 2004 u dak li dwaru kien tqieghed taht *probation* bis-sentenza msemmija tat-8 ta' Gunju 2004 - u bl-applikazzjoni ukoll ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, wiehed isib li l-piena ta' prigunerija komplessiva nflitta mill-ewwel Qorti hija aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

L-appellant jghid ukoll li huwa ammetta fi stadju bikri tal-process. Dan huwa minnu u l-ewwel Qorti fil-fatt ghamlet referenza specifika ghal dan il-fattur. Fl-istess hin huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Inoltre meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat

1 Artikolu 278(1)(3) tal-Kap. 9.
2 Artikolu 13 tal-Kap. 66.
3 Artikoli 280(2), *proviso* ta' l-artikolu 280(2) u 279(b) tal-Kap. 9.

tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Fil-fatt jirrizulta, fil-kaz in dizamina, li l-piena ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ir-raba' lment fil-fehma ta' din il-Qorti ma jaghmilx sens. Ir-raba' imputazzjoni tirreferi ghall-ksur tal-kondizzjonijiet imposti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Gunju 2004, u b'mod aktar specifiku l-kondizzjoni li l-appellant ma jikkommettix reat iehor waqt il-perijodu ta' *probation*. Difatti, skond l-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, jekk persuna li fil-kaz taghha tkun saret sanzjoni komunitarja "sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perijodu ta' *probation*", il-Qorti, "(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' *probation* … tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat". Fil-kaz in dizamina, l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda serq aggravat fil-21 ta' <u>Awissu</u> 2004 (u mhux fil-21 ta' <u>April</u> 2004 kif sostna l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu) li allura jfisser li dan ir-reat gie kommess <u>matul il-perijodu ta' *probation*.</u> Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, huwa minnu li m'hemmx referenza ghal data specifika izda ghal "matul ix-xhur li ghaddew", izda m'hemm l-ebda dubju li tirreferi ghal strumenti li jaqtghu u bil-ponta li nstabu fil-pussess ta' l-appellant u li gew elevati mill-pussess tieghu meta saret l-investigazzjoni dwar is-serq imsemmi fl-ewwel imputazzjoni. Difatti l-appellant gie interrogat dwarhom kif jirrizulta mill-istqarrija Dok. MT1 a fol. 5 - 11 tal-process. Konsegwentement ir-raba' lment huwa nfondat ukoll.

L-ahhar ilment ta' l-appellant huwa fis-sens li ma jistax jifhem kif inghata kemm sentenza ta' prigunerija kif ukoll fl-istess waqt tqieghed taht ordni ta' *probation*. Hawn hekk l-appellant ghandu ragun. Jinghad l-ewwelnett li

ghalkemm l-ewwel Qorti, wara li sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti - salv it-tieni wahda - kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar, hija mbaghad ghaddiet biex tqieghdu taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin minghajr ma ndikat dwar liema reat jew reati kienet qieghda hekk tqieghdu taht tali ordni. Ordni ta' *probation* ma tistax tinghata f'vakwu. Irid jigi dejjem specifikat dwar liema reat jew reati l-Qorti qieghda taghmel tali ordni. Fil-kaz in ezami, dak li probabilment kellha f'mohhha l-ewwel Qorti kien li dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija filwaqt li dwar ir-raba' imputazzjoni terga' tqieghed lill-appellant taht ordni ta' *probation*. Dan pero` la qalitu u lanqas ma setghet taghmlu peress illi skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446, bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3)[4], meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht *probation*, il-Qorti ma tkunx tista' terga' tqieghed lil dik il-persuna taht sanzjoni komunitarja dwar dak ir-reat. Ghalhekk il-piena idoneja fic-cirkostanzi - partikolarment il-fatt li ghalkemm l-appellant kien tqieghed taht ordni ta' *probation* fit-8 ta' Gunju 2004 huwa rega' kkommetta r-reat ta' serq aggravat ftit aktar minn xahrejn wara biss - hija dik ta' perijodu ta' prigunerija ghar-reati kollha addebitati lilu.

Issa kif diga' ntqal, il-perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija ghar-reati kollha addebitati lill-appellant huwa vicin sew il-minimu stabbilit mil-ligi. Pero` in vista ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant kemm f'dan il-kaz kif ukoll fil-kaz l-iehor li dwaru kienet inghatat is-sentenza tat-8 ta' Gunju 2004, kif ukoll in vista tal-fatt li r-refurtiva giet rekuperata u li l-appellant ghen lill-Pulizija f'investigazzjoni ohra ta' portata akbar, kif ukoll in vista ta' l-applikabilita` ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 flimkien ma' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, certament hemm lok ta' temperament fil-piena.

---

[4] Dan is-subartikolu jipprovdi hekk: "Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perijodu ta' *probation* jew matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja, ikun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involontarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjeta`."

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' parzjalment l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar u fejn qeghditu taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija komplessiva ta' tnax-il xahar. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi l-ghajnuna kollha mehtiega lill-appellant sabiex ikun jista' jinserixxi ruhu fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga u, jekk opportun, billi jigi riferut ukoll fl-Isptar Monte Carmeli kif irrakkommandat l-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------